MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2011

Numru. 785/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Silvan Zerafa bin Peter Paul u Pawla nee' Camilleri, imwieled fit-13 ta' Gunju, 1991 u residenti Plot 73, Ramla Road, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 23291(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Silvan Zerafa li gie akkuzat talli nhar is-6 ta' Settembru, 2008, ghall-habta ta' 19:22hrs fi Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex:-

1. saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAW 912 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-

Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ ta’ Trasport ta’ Malta;
2. Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien qed jaghmel uzu minn Seat Belt;
3. Saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b’polza tal-assikurazzjoni kontra riskji ta’ terzi persuni;
4. u aktar talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Dr. E. Grima LL. D. fil-15 ta’ Mejju, 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-provi mismugha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba akkuza. Madanakollu b’referenza ghar-raba akkuza jirrizulta illi l-vettura misjuqa mill-imputat kienet koperta b’polza tal-assigurazzjoni, liema assigurazzjoni inharget mis-socjeta’ Atlas Insurance;

Illi meta tigi beix tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghandu bzonn nies professjonali sabiex jiggwidawh f’hajtu;

Ghaldaqstant, l-Qorti wara li rat l-artikolu 15(1)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.12, kif ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza, issibu hati tal-kumplament, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht ordni ta’ probation u dana ghal zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jonqos milli jobdi l-ordni imposta fuqu llum;

Finalment il-Qorti qed tordna illi tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan tal-hati ghal zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------